# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 369/14 FDP**

**Keith Schembri**
**(ID 331975M)**

**vs**

**Nathaniel Attard (ID 875G)**
**U**
**Joseph Micallef (ID 477966M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta' Novembru 2014 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu illi deher fil-gurnal In-Nazzjon fil-faccata ta' quddiem tal-harga tat-Tlieta, 11 ta' Novembru 2014, intitolat "***Hawn min jaf fejn qieghed***", jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti stante illi fih allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundanna lill-intimati ihallsuh danni.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, illi deher fuq il-faccata tal-gazzetta In-Nazzjon fejn, taht ritratt tar-rikorrent Keith Schembri u Ryan Schembri hdejn xulxin fuq nofs pagna, issib il-kliem "*Ryan Schembri (lemin) u Keith Schembri 'Il-Kasco" kellhom negozji kbar fi Tripli, u huma kugini primi ta' xulxin ... tal-ewwel mahrub u l-iehor jenfasizza li qatt ma ghamel xi negozju ma' kuginuh*".

Taht tali kliem, hemm sub-titolu intitolat '*Hamsin jum mill-harba ta' Ryan Schembri li hu mfittex dwar il-frodi ta' €40 miljun*" u tahtu titolu b'tipografija kbira bil-kliem "***Hawn min jaf fejn qieghed***".

L-artikolu, miktub minn l-intimat Joe Mikallef, imbghad jghid is-segwenti:

*'In-Nazzjon' illum tista tizvela li hamsin jum mill-harba ta' Ryan Schembri, li hu mfittex dwr frodi ta' €40 miljun u aktar, hawn min ghandu rasu mistrieha fejn jinsab dan, il-mara tieghu u binhom.*

*Nifhmu li f'kuntatt telefoniku li sar numru ta' jiem ilu, Ryan Schembri serrah ras persuna partikolari dwar fejn jinsab, biex dawn ma joqghodux jinkwetaw li forsi jinsab f'xi periklu.*

*Il-gurnal 'In-Nazzjon' hu infurmat ukoll li min kiseb din l-informazzjoni jidher li hu marbut biex ma jikxifx li fil-fatt ghandu dan it-taghrif - l-importanti li dan mhux fil-periklu, u li flimkien mal-familja tieghu jinsab f'post sigur.*

*Ryan Schembri jinsab imfittex minn numru ta' persuni li direttament jew indirettament iffrodahom flejjes kbar bl-iskuza li jinvestu flushom mieghu halli jkun jista jaghmel kummerc maghruf bhala 'cross-border international trading' ta' laham minn pajjizi bhall-Brazil, lejn pajjizi ohra bhal-Libja.*

*Ghal numru ta' xhur, dan in-negozju kien sejjer tajjeb tant li l-investituri li kienu jinvestu mieghu kienu jiehdu b'mod regolari l-imghaxijiet dovuti lilhom, sakemm Ryan Schembri fassal pjan bizzilla biex wara li jkun gabar ammonti kbar ta' flus - li jammontaw ghal miljuni ta' ewro - minghand numru mifrux ta' investituri, hu jahrab mill-pajjiz u jhalli lil kullhadd b'ta' fuqu senduqu.*

*Kien il-gurnal 'In-Nazzjon' li zvela din l-istorja kbira wara li Ryan Schembri kien ilu mahrub minn Malta mill-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Settembru li ghadda - il-lejl li fih pajjizna kien medhi jiccelebra gheluq il-hamsin anniversarju mill-kisba tal-Indipendenza.*

*F'dak il-lejl, Ryan Schembri flimkien mal-familja tieghu, halla Malta permezz ta' karozza Mercedes billi vvjagga abbord katamaran tal-Virtu' Ferries.*

*Filwaqt li nistghu nizvelaw li wara l-bieb tad-dar tieghu, fl-ahhar gimghat qabel harab minn Malta, dejjem kien qed ikollu mieghu l-ghassa, 'In-Nazzjon' ghandha informazzjoni wkoll li darba minnhom, xi investituri heddew serjament lil Ryan Schembri. Nifhmu li hu kien mhedded kemm bil-mara tieghu u aktar minn hekk, b'ibnu.*

*Jidher li kien fl-isfond ta' din l-esperjenza qarsa ta' theddid u tpattija li Ryan Schembri ddecieda jahrab flimkien mal-familja tieghu u hekk ihalli lill-investituri kollha li fdawlu flushom jittewbu.*

*Madanakollu, investituri li kienu tkellmu maghna fissru li huma qatt ma taw flushom direttament lil Ryan Schembri, izda lil terzi persuni li kienu jigru huma wara l-flus ghal skop ta' investiment. Ghalhekk, ziedu dawn li tkellmu maghna, huma aktar jafu lil dawk li ghaddewlhom flushom milli lil Ryan Schembri.*

*Is-sitwazzjoni hi wahda kumplikata hafna u filwaqt li Ryan Schembri - li jigi prim kugin ta' Keith Schembri li jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff fl-Ufficjju tal-Prim Ministru - jinsab mahrub, familjari tieghu huma f'borma ta' inkwiet b'nies jigru warajhom ghal flushom. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*"Ma taghti tort lil hadd", qallilna persuna li kienet qrib hafna ta' Ryan Schembri. "Issa ara kemm ghaddew jiem u ma smajna xejn. Halla dizaztru kbir warajh. Bizzejjed thares lejn dak li gara lill-istabbilment ta' More Supermarkets li sa ftit xhur ilu kienu f'idejh. Illum falliment kwazi totali. Minn sitt stabbilimenti fadal biss tnejn u l-futur taghhom huwa wiehed imcajpar.*

*Min jinvesti flusu ghandu kull jedd li jitlobhom lura flimkien mal-imghaxijiet kollha dovuti lilu" fisser l-istess sors, li qalilna wkoll li hu ta' spiss imur dawra sal-Mellieha fejn hemm il-villa ta' Ryan Schembri li, izda, s'issa ghadha bl-istess dehra kif hallieha meta harab minn Malta.*

*Fost l-aktar li hadu bi kbira l-harba ta' Ryan Schembri - apparti missieru u ommu u l-familja tal-mara - kien hemm kollaboraturi qrib hafna tieghu li kienu jigbrulu l-flus. Dawn il-kollaboraturi kienu qrib hafna ta' Ryan Schembri u kienu javvicinaw negozjanti u nies tal-flus biex ihajjruhom jinvestu flushom fil-progett ta' Ryan Schembri li meta kien jahdem fil-Libja kellu kuntatti kbar.*

*Fil-Libja, Ryan Schembri mhux biss kellu supermarket f'Palm City, izda kellu wkoll centru kbir ta' distribuzzjoni minn fejn kien jinnegozja l-laham u prodotti ohra tal-ikel.*

*Keith Schembri - li kien innega li qatt ghamel xi negozju ma' kuginuh Ryan Schembri - jaf tajjeb bil-kuntatti ta' kuginuh. 'In-Nazzjon' illum tista tizvela kif dawn it-tnejn kienu jafdaw hafna lil xulxin fin-negozju taghhom u kienu jghaddu wkoll lil xulxin kuntatti li kienu jistabilixxu fi Tripli stess. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Libjan li tkellem ma' 'In-Nazzjon' bilpatt tal-kunfidenzjalita' fisser li Ryan Schembri u Keith Schembri, flimkien ma' persuni ohra li ahna ksibna l-ismijiet taghhom, kienu jaghmlu hafna xogholijiet fil-Libja. Fil-Libja kellhom kuntatti kbar u negozjanti Libjani kienu jafu b'dan sew, ghax permezz ta' hekk setghu jaghmlu huma wkoll xiri u bejgh. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Maghhom, direttament jew indirettament fil-borma, kien hemm irjus kbar ohra Maltin. (sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Dan minkejja li issa jista jkun li hemm min qed jichad li qatt kellu negozju jew li xi darba ghamel xi negozju ma' Ryan Schembri, ghax ladarba jidher li Ryan Schembri ghereq, haddiehor ma jridx li jeghreq hu wkoll.*

Rat id-difiza ta' l-intimati ppresentata fid-9 ta' Dicembru 2014 fejn huma sahqu illi ma kien hemm xejn libelluz fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna u insistew illi l-artikolu huwa biss fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku dwar persuna pubbliku li, ghalhekk, jikkonsistu f' *fair comment* accettabbli fis-socjeta demokratika Maltija.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Joseph Micallef** prodott mir-rikorrenti u moghtija fl-20 ta' April 2015 u fil 11 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Keith Schembri** moghtija fil 11 ta' Gunju 2015.

Rat id-dokument ossija intervista illi saret lir-rikorrent f'Jannar 2009 fuq il-harga ta' **The Economic Update**, ippresentat mill-intimati fit 12 ta' Ottubru 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami u ri ezami ta' Keith Schembri moghtija fil 21 ta' Jannar 2016.

Rat illi fil 21 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fis 17 ta' Marzu 2016 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattattzzjoni verbali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-20 ta' Gunju 2016, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti, illi r-rikorrent Keith Schembri kien il-kugin ta' persuna maghrufa bhala Ryan Schembri, liema Ryan Schembri kien mahrub minn Malta wara illi allegatament ffroda aktar minn erbghin miljun Euro (€40,000,000) minghand varji persuni fil-qasam kummercjali f'Malta, u kien imfittex minn tali persuni sabiex jintraddu lura l-flejjes minnhom mislufa lill Ryan Schembri.

Jirrizulta wkoll illi Keith Schembri, illi llum l-gurnata huwa Chief of Staff tal-Ufficju tal-Prim Ministru, qabel ma lahaq f'tali kariga pubblika, kellu negozju privat tieghu w tal-familja tieghu, bl-isem ta' Kasco Limited, illi xogholha principalment huwa fl-importazzjoni u esportazzjoni ta' karti ghall-uzu ta' 'printing presses' go Malta u Ghawdex kif ukoll barra minn Malta. Jirrizulta wkoll illi l-istess socjeta Kasko Limited kienet taghmel l-istes tip ta' xoghol gewwa l-Libja, fejn kienet qieghda topera b'success. Jirrizulta, finalment, illi recentement, l-istess socjeta Kasco Limited bdiet timporta certa tip ta' ikel gewwa Malta.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Ryan Schembri, illi huwa mfittex minn hafna nies biex irodd lura aktar minn erbghin miljun fi flus lilu mislufa, kien qieghed juza tali flejjes, illi kienu qed jigu lilu mghoddija minn intermedjarji li kienu jgibu l-flus minghand kummercjanti kbar Maltin u jghadduhom lilu ghal skop ta' investiment, kien juza tali flus sabiex jixtri minn gewwa l-Brazil, laham, liema laham huwa mbghad kien ibieghu gewwa l-Libja kif ukoll f'postijiet ohra, u dana bi qliegh kbir illi kien iwassal sabiex l-investituri jircievu imghax konsiderevoli fuq dak minnhom misluf fi zmien qasir.

Jirrizulta, wkoll, illi dana l-istess Ryan Schembri kien fetah ukoll f'Malta sensiela ta' 'supermarkets' bl-isem ta' More Supermarkets.

Jirrizulta illi gurnata minnhom, bejn il-lejl tal-21 u 22 ta' Settembru 2014, dana Ryan Schembri harab minn Malta flimkien mal-familja tieghu u halla l-problemi kollha illi kien ikkawza rizultat tad-djun kbar illi kien gemma u li ma setax jhallas lura warajh, bir-rizultat illi hafna persuni, li ftit qabel kienu anke heddewh sabiex jrodd lura dak lilu misluf, bdew ifittxuh barra minn Malta wkoll, filwaqt illi s-supermarkets bl-isem ta' More Supermarket spiccaw ghalqu ghax fallew.

Jirrizulta illi huwa fl-isfond ta' dawna l-fatti kollha illi l-artikolist, l-intimat Joe Mikallef, ghazel illi jippubblika l-istorja meritu tal-kawza odjerna illi, ma l-ewwel daqqa' t'ghajn, kienet gia taghtik x'tifhem illi hemm Keith Schembri involtu fl-istorja stante illi kien hemm zewgt ritratti kbar fuq il-faccata, wiehed ta' Keith Schembri ihares 'l isfel u l-iehor ta' Ryan Schembri f'poza ta' persuna li ma tistax tghid jispiralek wisq fiducja.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimati, fl-eccezzjonijiet taghhom, ressqu bhala linja difensjonali dik tal-'*fair comment*' u li dak hemm mitkub ma setax jitqies bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent peress illi kien ibbazat fuq ezercizzju tad-dritt gurnalistiku li wiehed jikkummenta dwar fatti sostanzjalment veri.

Il-Qorti tosserva illi dwar id-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni w id-dritt tal-gurnalist, fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, intqal is-segwenti:

> *78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*
>
> *79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"*

L-istess Qorti tkompli tghid:

> *81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fil-mument illi gew ppubblikati l-artikoli kif ukoll fil-present, huwa c-Chief of Staff tal-Ufficju tal-Prim Ministru, kariga meqjusa bhala importanti u influwenti fit-tmexxija tal-pajjiz, u ghalhekk kellu jitqies bhala persuna pubblika stante illi kellu kariga tal-Gvern, u, kif qalet il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Voronezhe**,

> *The Court notes that civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual*

Dwar id-difiza ta' '*fair comment*', f'**Gatley on Libel and Slander** jinghad illi :

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must*

> *show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Kif jghid Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

> *The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Bhalma gia kellha l-opportunita tghid varji drabi dina l-Qorti kif komposta, hija ma tistax ma tirrilevax illi r-rwol importanti tal-gurnalist u d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, ghandha tigi bilancjata bi drittijiet u obbligi fuq l-istess gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, u, di fatti, il-Qorti, dwar tali doveri da' parte tal-gurnalist taghmel referenza ghal dak li tghid il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Axel Springer fuq imsemmija:

> *82. However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

Huwa ghalhekk proprju in vista ta' tali assersjonijiet illi l-Qorti ghandha tassikura illi jintlahaq bilanc necessarju bejn id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, u sabiex jigi assikurat li hemm tali bilanc, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem niedet sitt kriterji importanti sabiex jigi assikurat illi, kif tghid il-Qorti, "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*".

Tali kriterji gew mhaddna anke mill-Qrati taghna, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn osservat korrettement illi :

> *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblieħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-artikolu meritu tal-kaz odjern illi, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, hi taghtik mal-ewwel x'tifhem illi Keith Schembri huwa attwalment il-persuna illi, kif jghid it-titolu, "***Hawn min jaf fejn qieghed***" Ryan Schembri.

Jirrizulta illi tali konkluzjoni hija imbghad imsahha bil-fatt illi s-sotto titolu taht ir-ritratt jghid illi Keith Schembri u Ryan Schembri huma "*kugini primi ta' xulxin*" u imbghad l-artikolu jibda billi jghid "*hawn min ghandu rasu mistrieha fejn jinsabu dan, il-mara tieghu u binhom*", u jkompli jghid illi "*Ryan Schembri serrah ras persuna partikolari dwar fejn jinsab, biex dawn ma joqghodux jinkwetax.*"

Jirrizulta illi ghalkemm l-intimat artikolist Joe Mikallef, fix-xhieda tieghu, sahaq illi huwa ma riedx jaghti x'jifhem illi tali persuna kienet Keith Schembri (fol 19), il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-qarrej ordinarju illi jaqra l-gazzetta, anke ma l-ewwel daqqa' t'ghajn tal-gazzetta certament fehem illi Keith Schembri kien il-persuna li jaf fejn huwa Ryan Schembri.

Il-Qorti, madanakollu, setghet facilment tikkunsidra tali posizzjoni ta' Mikallef bhala wahda veritjera, li ma kienx ghal fatt illi l-istess artikolist, tul l-artikolu kollu, baqa jaghmel aktar insinwazzjonijiet fil-konfront ta' Keith Schembri u l-involviment ma' Ryan Schembri.

Jirrizulta, di fatti, illi l-artikolist ddeskriva s-sitwazzjoni bhala "*wahda kumplikata hafna*" peress illi "*jigi l-prim kugin ta' Keith Schembri li jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff fl-Ufficju tal-Prim Ministru*" u filwaqt li ghamel tali assersjoni, izid jghid "*familjari tieghu huma f'borma ta' inkwiet b'nies jigru warajhom ghal flushom*"

Ghalhekk, ghal darba ohra, ghalkemm l-artikolist jinsisti illi huwa ma kienx qed jirreferi ghal Keith Schembri meta ghamel tali assersjoni, minn qari ta' dak mitkub mill-istess artikolist wiehed ma jistax ma jasalx ghal konkluzjoni illi Keith Schembri, li l-artikolist iddeskrivieh bhala membru tal-familja ta' Ryan Schembri, kien fil-'*borma ta' inkwiet*' li halla warajh Ryan Schembri u li l-artikolist iddeskriva bhala sitwazzjoni "*kumplikata hafna*".

Finalment, jirrizulta illi l-artikolist jaghmel referenza ghan-negozju illi r-rikorrent Keith Schembri ghandu gewwa l-Libja u jishaq illi Ryan Schembri u r-rikorrent Keith Schembri kienu "*jafdaw hafna lil xulxin fin-negozju taghhom u kienu jghaddu wkoll lil xulxin kuntatti li kienu jistabilixxu fi Tripli stess*".

L-artikolist, fix-xhieda tieghu, sahaq illi huwa kien sema dan minghand impjegati ta' Ryan Schembri li qalulu dwar tali fatti, madanakollu l-istess artikolist ma kkorrobora tali assersjoni bl-ebda prova u wisq anqas ma' tella ebda impjegat ta' Ryan Schembri sabiex jikkorrobora tali assersjoni. Mill-banda l-ohra, ir-rikorrent sahaq illi ma kellhom ebda negozju flimkien u qatt ma kien jafda lill Ryan Schembri tant illi, meta hafna snin ilu kienu ser jaghmlu negozju flimkien, Ryan Schembri spicca biex hadlu flusu kollha u spicca tilef il-flus ir-rikorrent Keith Schembri.

Fl-ahhar nett, biex zgur l-artikolist jaghmel mezz illi l-qarrej ordinarjiu jkun jista jaghmel ness car bejn Ryan Schembri, illi kien seraq aktar minn erbghin miljun lill negozjanti ohra u Keith Schembri, wara illi l-artikolist jghid li kemm Ryan Schembri u r-rikorrent Keith Schembri "*kellhom kuntatti kbar u negozjanti Libjani kienu jafu b'dan sew*", jghid illi "*Maghhom, direttament jew indirettament fil-borma, kien hemm irjus kbar ohra Maltin.*"

Il-Qorti, imbghad ma tistax ma tosservax kif, lejn l-ahhar tal-artikolu, l-artikolist, wara illi kien ftrit qabel stqarr dwar Keith Schembri illi " *kien nnega li qatt ghamel xinegozju ma' kuginuh Ryan Schembri"*, jaghlaq l-artikolu billi jghid "*minkejja li issa jista jkun li hemm min qed jichad li qatt kellu xi negozju jew li xi darba ghamel negozju ma' Ryan Schembri, ghal ladarba jidher li Ryab Schembri ghereq, haddiehor ma jridx li jeghreq hu wkoll.*" - hija cara, ghal darba ohra, illi l-artikolist qieghed ghal darba ohra jinsinwa illi Keith Schembri kien involut ma' Ryan Schembri u li, issa li dan ghereq, huwa ma jridx jeghreq mieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi kollha u minn qari akkurat tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, illi l-intimat artikolist Joe Mikallef ghazel illi jaghmel varji assersjonijet u inswazzjonijet fil-konfront ta' Keith Schembri in vista tal-parentela illi huwa ghandu ma' Ryan Schembri, u tali asserzjonijiet certament huma intizi sabiex jitfghu dell ikrah fuq l-istess Keith Schembri, illi huwa Chief of Staff tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, u ghalhekk fuq il-pusizzjoni pubblika tieghu, bir-riperkussjonijiet illi l-istess jista jkollha fuq persuni qrib tieghu. Tali posizzjoni certament ma tistax tigi protetta bid-difiza tal-fair comment illi qajjmu l-intimati. Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta’ Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m’huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta’ haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Kif qalet dina l-Qorti, kif ppresjeduta, fil-kawza '**Alan Camilleri vs Saviour Balzan**' deciza fl-20 ta' Gunju 2016,

> *"Il-Qorti, finalment, tosserva illi ghalkemm huwa d-dover tal-gurnalist illi jgharraf u jzomm lill-pubbliku w il-qarrejja a korrent ta' kull informazzjoni relatata ma' agir ta' persuni pubblici, kemm politici kif ukoll persuni fis-servizz civil u f'posizzjonijiet importanti fis-socjeta civili, huwa ferm aktar importanti illi l-gurnalist jassikura ruhu illi l-fatti kif minnu indikat huma sostanzjalment veri u, f'kaz illi huwa ma jkollux konfort ta' provi sufficjenti, ghandu jzomm lura milli jippubblika tali stejjer, stante illi l-pubblikazzjoni ta' l-istess jwasslu sabiex il-kredibilita' tal-gurnal u l-gurnalist tigi pregudikata u, aktar importanti, il-pubbliku in generali jinghata informazzjoni illi ma jkunx minnu, fatt illi, minnu nniffsu, huwa ta' hsara kemm lill-persuna illi dwarha qed issir l-istorja u, aktar u aktar, lill-gurnalizmu il-generali, li jisthoqqlu rispett ghax-xoghol siewi u ta' utilita' kbira ghas-socjeta demokratika hajja illi Malta tgawdi illum il-gurnata."*

Din il-Qorti ma tistax ma tirrepetix illi tali tip ta' gurnalizmu jaghmel ferm aktar hsara milli gid lill-gurnalizmu in generali u lir-rispett illi l-mezzi tax-xandir jisthoqqilhom stante illi l-artikolu ma huwiex bbazat principalment fuq it-tfittxija tal-verita' u tax-xandir tal-fatti lill-qarreja, izda huwa bbazat fuq l-intenzjoni, da' parte ta' l-artikolist, illi jaghmel hsara lill Keith Schembri, illi huwa meqjus bhala avversarju politiku ghall-Partit Nazzjonalista, illi tieghu l-gazzetta 'In-Nazzjon' hija l-gazzetta ufficjali, bil-ghan illi jsir hsara lill-gvern tal-gurnata.

Ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-artikolu meritu tal-kawza odjerna ghandu jitqies bhala libelluz u malafamanti fi-konfront tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati,

**Tilqa** it-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu illi deher fil-gurnal In-Nazzjon fil-faccata ta' quddiem tal-harga tat-Tlieta, 11 ta' Novembru 2014, intitolat "***Hawn min jaf fejn qieghed***" bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati, in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti, in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248, is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000).

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom filwaqt illi imghax fuq is-somma hekk likwidata jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur